*Mesaġġ mill-Kummissjoni Banda*



Is-Sur Clayton Vella

# Il-Banda u l-Kor Imperial



Il-ħidma mużikali mużikali fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial hija mifruxa matul is-sena kollha. Din is-sena, bħas-snin l-imgħoddija kienet sena oħra ta' ħidma li ma taqta' xejn, kemm mill-banda u kif ukoll mill-Kor Imperial.

Hekk kif intemmu l-attivitajiet marbuta mal-festa tal-Vitorja mill-ewwel erġajna bdejna l-kunċerti. Kemm tal-Kor u kemm tal-Banda. Din is-sena fuq stedina mis-Sorijiet Agostinjani tal-Klawsura l-Kor Imperial anima quddiesa fil-Kappella ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta. Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Nikola l-Banda Imperial daqqet marċi brijużi fil-kumpless tad-Dar tal- Providenza fis-Siġġiewi.

Għal żmien il-Milied ħejjejna programm b'numru ta' attivitajiet. Il-Kor Imperial ta kunċert fis-sala ewlenija tal-Każin. Il-Banda u l-Kor Imperial ħadu sehem waqt programmi mużikali ġewwa diversi lukandi fil-Mellieħa. Il-Banda u l-Kor Imperial daqqew ukoll programmi t'għanjiet tal-Milied. B'dispjażir insemmu li minħabba ċirkostanzi li ma kellniex kontroll fuqhom, id-daqq ta' għanjiet tal-Milied ġewwa l-kumpless San Viċenz De Paule tħassar.

Fil-bidu ta' Frar il-Banda Imperial flimkien mal-Kor Regina Ceoli ta' l-Imġarr tellgħu programm vokali u strumentali fl-okkażjoni ta' Jum l-Imġarr organizzat mill-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr Malta.

Fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa l-Kor Imperial ħa sehem waqt il-ftuħ tal-Mejda ta' l-Appostli organizzata fiċ-Ċentru Parrokkjali. Nhar Ħadd il-Palm il-Banda u l-Kor Imperial tellgħu programm mużikali fis-sala ta' l-iskola tal-Mellieħa. Fl-aħħar Ħadd ta' April il-Kor Imperial reġa' ġie mistieden mis-Sorijiet Agostinjani tal-Klawsura ta' Santa Katerina biex ikanta waqt quddiesa tal-ħamsin sena ta' Suor Maria Assunta bħala soru tal-Klawsura.

Tajna bidu għall-attivitajiet tas-sajf b'kunċert stumentali u korali fl-okkażjoni tal-festa tal-ħġejjeġ ta' San Ġwann. Fit-30 ta' Ġunju sar ir-rekording tal-marċi ġodda fis-sala ta' l-iskola Marija Bambina. Fl-20 ta' Lulju l-Kor Imperial ta Kunċert Korali ġewwa l-Bitħa tas-Santwarju bil-parteċipazzjoni ta' mużiċisti mill-Banda Imperial. Fil-bidu ta' Awissu l-Banda Imperial ġiet mistiedna biex tagħti programm mużikali waqt attività turistika ġewwa l-Imġarr Malta. Matul ix-xhur ta' Lulju u Awissu wkoll il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festi titulari organizzati ġewwa tal-Madonna tal-Karmnu l-Fgura, San Bastjan f'Ħal Qormi, Santa Marija fil-Mosta u fl-Imġarr Malta u fil-festa ta' San Ġużepp ġewwa l-Manikata.

Bħas-snin l-imgħoddija l-grupp tal-Fanfarra ħa sehem waqt il-purċissjonijiet ta' Corpus Cristi u tal-Qalb ta' Ġesù u waqt il-funerali tas-soċi li ngħaqdu mal-Mulej. Membri tal-Banda flimkien mal-Kor taw is-sehem tagħhom waqt funzjonijiet reliġjużi fosthom f'Jum l-Għaqdiet fl-okkażjoni tal-festa tal-Vitorja u f'Novembru fl-okkażjoni ta' 'Jum it-Tifkira', il-jum iddedikat lill-mejtin tas-soċjetà.

Minbarra dan kollu komplejna nkabbru l-Arkivju tal-Banda u l-Kor Imperial permezz ta' donazzjonijiet ta' mużika kemm għall-Kor u kif ukoll għall-Banda, minn numru ta' benefatturi.

Fl-aħħarnett nieħdu l-opportunità li nirringrazzjaw lil dawk kollha li taw l-għajnuna u s-sehem tagħhom biex setgħu jittellgħu dawn l-attivitajiet. Fl-istess waqt inħarsu 'l quddiem għal sena oħra ta' ħidma.

**www.imperialbandclub.com**